**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 481/2016**

**LQ u WQ**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550)**

**Seduta tas-27 ta' Settembru 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi jghidu li:**

Huma kienu xtraw karozza *BMW X5* fis-sena 2012, u inxurjawha *comprehensive* mal-provditur tas-servizz odjern u kellhom incident tat-traffiku li ghalih ma kienux jahtu fis-6 ta' Frar 2016.

Fit-8 ta' Frar 2016, irrapportaw dan l-incident lil *Citadel Insurance.*

Wara li kienu hadu l-karozza l-garaxx tal-kumpanija tal-*BMW*, u ghaddew xi gimghatejn jew tlett gimghat, gew infurmati li l-karozza kienet *beyond economical repair.*

Certu Mario Cardona mis-*Citadel Insurance* baghat lill-ilmentatur jara karozza ghand *Gauci Automobiles* f'*Valley Road*, B'Kara, li wrewh karozza sewda mentri tieghu kienet bajda u ma accettahiex; u Mario Cardona qallu wara li s-*Citadel* kienu ser jimportawlu karozza bajda huma.

Wara tlett xhur, Mario Cardona, cemplilhom u qalilhom li kellhom jimpurtaw il-karozza huma.

Qalilhom ukoll li l-ispejjez jigu koperti.

Huma importaw karozza li giet tiswilhom €53,697 bit-trasport, taxxi tar-registrazzjoni, ecc.

L-ilmentaturi hallsu kollox minn flushom u meta cemplu lil Mario Cardona, dan qalilhom li l-*insurance* se thallashom biss is-*sum insured* ghall-valur ta' €46,800.

Il-karozza importawha fit-3 t'Awwissu 2016, u l-ohra tilfuha fis-6 ta' Frar 2016.

L-ilmentaturi jghidu li kien hemm '*stennija inaccettabbli ghall-karozza,*' u jippretendu li jinghataw '*like with like'* u, ghalhekk, qed jitolbu s-somma li qamitilhom il-karozza li mportaw, is-somma ta' €53,697.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid:**

Mill-formola tal-ilment tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji u d-dokumenti mehmuza mal-formola jidher li:

a) fis-6 ta' Frar 2016, LQ, is-sewwieq tal-vettura *BMW X5,* bin-numru tar-registrazzjoni XXXXXX, u martu WQ, li kienet mieghu fil-vettura flimkien ma' xi qraba taghha, kellhom accident tat-traffiku;

b) l-accident gie kkawzat minn XXX, is-sewwieq tal-vettura *sports Mercedes*, bin-numru ta' registrazzjoni XXXXXX, u l-habta kienet frontali ghax il-vettura *Mercedes* kienet gejja *wrong side* mid-direzzjoni opposta;

c) is-sewwieq tal-*Mercedes* ammetta t-tort u

d) hadd ma wegga' izda l-vettura *BMW X5* saritilha hafna hsara, l-aktar fil-genb tax-xellug taghha.

LQ qieghed jitlob kumpens ta' €53,697, jigifieri s-somma totali li swietlu l-vettura li dahhal minflok il-wahda li kellu u li giet iddikjarata *written-off.*

Il-vettura ta' LQ kienet inxurjata *Comprehensive* ma' *Citadel Insurance p.l.c.* bin-numru tal-polza tal-assigurazzjoni PCC/XXX/12/XXXXXX.

Il-vettura *Mercedes* kienet inxurjata ma' *Mapfre/Middlesea.* In-numru tal-polza tal-assigurazzjoni mhux maghruf.

Minhabba li l-vettura *Mercedes* li kkagunat il-hsara tal-vettura *BMW X5* ta' LQ kienet inxurjata ma' *Mapfre/Middlesea,* skont l-Artikolu 9A 1(a) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104, LQ, bhala l-parti offiza, kellu l-jedd dirett ghal azzjoni kontra *Mapfre/Middlesea*. Imma, minhabba li l-vettura ta' LQ kienet

inxurjata *Comprehensive* ma' *Citadel Insurance*, LQ ghazel li jiftah klejm ma' *Citadel.*

Kieku LQ ghazel li jiftah il-klejm ma' *Mapfre/Middlesea*, it-talba tieghu ghall-kumpens kienet tkun ikkunsidrata skont il-provvedimenti tal-Ordinanza. La darba LQ ghazel li jiftah il-klejm ma' *Citadel,* il-klejm tieghu giet ikkonsidrata skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni tieghu.

Skont l-iSkeda tal-Polza tal-Assigurazzjoni tal-vettura ta' LQ, li kopja taghha qieghda tigi mehmuza u mmarkata bhala Dok A, il-vettura kienet inxurjata ghall-valur ta' €46,800. Dan il-valur hu kompatibbli mal-ktejjeb tal-linji ta' gwida, ghall-uzu intern tal-assiguraturi, dwar il-valur tas-suq ta' kull xorta ta' vettura, li l-*Malta Insurance Association* tipprovdi ta' kull sena lill-assiguraturi. Il-pagna tal-ktejjeb tal-linji ta' gwida li fuqha hu specifikat il-valur tax-xorta tal-vettura ta' LQ, kif stabbilit mil-linji ta' gwida, hi mehmuza u mmarkata bhala Dok B.

Meta s-*surveyor* ta' *Citadel,* Natalino Agius, spezzjona l-fdalijiet tal-vettura (*the wreck),* huwa ddikjara l-vettura *written off*, jigifieri li ma jkunx jaqbel li tissewwa. Huwa ddikjara wkoll li l-valur tal-vettura, qabel ma sar l-accident, kien ta' €47,000, u l-valur tal-fdalijiet taghha (*wreck value*) ta' €7,500. Din id-dikjarazzjoni hi mehmuza u mmarkata bhala Dok C. Mario Cumbo, l-assessur tal-vetturi ta' *Mapfre/Middlesea,* u li wkoll spezzjona l-fdalijiet tal-vettura, jikkonferma dawn il-valuri. Id-dokument tal-konferma hu mehmuz u mmarkat bhala Dok D.

Taht ic-cirkostanzi, u skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura ta' LQ, is-somma massima li *Citadel* setghet thallas kienet tal-valur tas-suq tal-vettura jew tal-valur assigurat tal-vettura, liema miz-zewg valuri hu l-izghar. Ghalhekk, *Citadel* offriet li thallas is-somma ta' €46,800 bhala l-valur assigurat tal-vettura.

Minhabba li, finalment, hi l-kumpanija tal-assigurazzjoni *Mapfre/Middlesea,* bhala l-assiguratrici tal-vettura *Mercedes*, li ghandha l-obbligu li thallas il-hsara kkagunata lil LQ, bhala l-parti offiza, *Citadel* ma kellha ebda ghazla ghajr li thallas il-klejm fuq il-bazi tal-polza u tirkupra l-ammont imhallas minghand *Mapfre/Middlesea* fuq il-bazi ta' *recovery.*

*Citadel* ghamlet dak kollu possibbli biex LQ isib vettura kemm jista' jkun tal-valur u tax-xorta li hu kellu qabel ma sehh l-accident. Izda, *Citadel* ma tistax thallas aktar mis-somma tal-valur assigurat, liema somma riedet tirkupraha minghand *Mapfre/Middlesea.* Din mhijiex kwistjoni ta' *like with like*, kif qieghed jargumenta LQ. L-obbligu tal-assiguratur lejn il-klijent tieghu hu li jhallas sal-massimu tas-somma tal-valur assigurat ukoll jekk il-valur tas-suq ikun oghla mill-valur assigurat. Il-polza tal-assigur-azzjoni hi kuntratt u l-hlas massimu jkun dak li jkun specifikat fil-kuntratt.

Fuq il-bazi ta' dawn il-fatti, l-ilment ta' LQ kontra *Citadel Insurance p.l.c.* biex thallsu s-somma ta' €53,697, jigifieri €6,897 aktar mis-somma tal-valur assigurat, mhux validu u ghandu jigi michud. Fl-istess waqt, ghandu jigi kkonfermat li s-somma li *Citadel Insurance* ghandha thallas lil LQ hi s-somma tal-valur assigurat, jigifieri €46,800.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra d-dokumenti esebiti,**

**Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet**

**Jikkonsidra:**

Illi fil-qalba taghha, il-kwistjoni hija li l-ilmentaturi qed jghidu li jippretendu li kellhom jinghataw karozza '*like with like*' u, ghalhekk, ghandhom jithallsu s-somma kollha li nefqu u, cioè, dik ta' €53,697, u li kien hemm *'stennija inaccettabbli ghall-karozza'*; filwaqt li l-*insurance* qed tghid li ghandha thallas l-ammont tas-*sum insured* u, cioè, s-somma ta' €46,800.

L-ilmentaturi jghidu li kien Mario Cardona li kien qalilhom li s-*Citadel* kienet ser timportalhom il-karozza hi, mentri Mario Cardona jichad dan.

L-ilmentaturi mhux qed jitolbu hlas ghan-nuqqas ta' uzu tal-karozza, izda l-ammont li hallsu biex impurtaw karozza bhala sostitut ghal dik li kellhom.

Peress li hemm zewg verzjonijiet ghal dak li gara, l-Arbitru jrid l-ewwel nett jara liema hija l-verzjoni l-aktar wahda kredibbli.

L-ilmentatur jghid fl-ilment tieghu:

*"… li wara kwazi tlett xhur mill-incident cempilt lil Mario Cardona u qalli li kien ser jikkuntattjani hu. Cempilli u qalli biex nimporta l-karozza jiena."*[1]

Jghid fl-ilment li **wara** li kien ghamel l-ordni tal-karozza mill-Ingilterra, li Mario Cardona qallu li l-*insurance* kienet ser taghtih biss l-*insured sum.*

Fix-xhieda tieghu quddiem l- Arbitru, l-ilmentatur xehed hekk:

"*Nispjega li jien qabel ma gibt il-karozza u nfurmajt lil Mario Cardona li l-karozza kienet tiswa xi €56,000, hu qalli li l-insurance kienet se ttini s-somma inxurjata li jiena kont naf li kienet €46,800. Jien kont ghidtlu li ma kontx naqbel ghax biex ingib karozza bhal tieghi, bl-istess mileage, bilfors din irrid ingib.*

*Baqa' jinsisti li l-ammont li se jaghtuna kien ta' €46,800 li kienet is-somma inxurjata.*

*Jiena xorta gibtha l-karozza u hallast €56,000. Jien insistejt li niehu s-somma kollha li hrigt, però l-insurance baqghet tinsisti li jtuni €46,800 u jien ma hadthomx."*[2]

Din il-verzjoni hija differenti minn dak li ntqal fl-ilment, jigifieri li l-ewwel ingabet il-karozza imbaghad wara, intqal lilhom li kienu ser jithallsu s-*sum insured.*

Min-naha l-ohra, il-verzjoni tal-provditur tas-servizz kienet dejjem konsistenti, fis-sens, li huma dejjem offrew is-*sum insured.*

Però, il-kontestazzjoni ewlenija hija jekk l-ilmentaturi humiex intitolati ghas-somma kollha li hallsu biex gabu minn barra karozza bhal dik li kellhom jew jekk kellhomx jinghataw is-*sum insured* kif qed tghid is-*Citadel Insurance.*

Biex jasal ghall-konkluzjoni, l-Arbitru ser ihares lejn il-gurisprudenza f'din il-materja.

Qabel xejn, gie stabbilit li l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa bbazat fuq il-principju li jekk isehh ir-riskju inxurjat, l-assikurat irid, kemm jista' jkun, jitpogga fis-sitwazzjoni li kien qabel ma sehh l-incident li wassal ghat-telf.

---

[1] A fol 13.

[2] A fol 55

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'awla tal-Qorti Civili [3] il-Qorti qalet hekk:

*"Kif kellha okkazjoni tosserva din l-istess Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet* ***Citadel Insurance plc et v. Raymond Calleja:***

*'Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu. Però hu principju iehor daqstant ekwivalenti illi ebda persuna ma ghandha tavvantaggja ruhha u taghmel profitt mid-dannu subit u anzi hemm l-obbligu li d-danni ghandhom fejn possibbli jigu minimizzati mill-kreditur.'"*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurace plc****, App Inf 04/05/2005, intqal:*

*"Illi funzjoni primarja tal-obbligazzjoni ta' rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu par equivalent, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f'somma li tekwipara l-valur reali tal-utilitajiet mitlufa jew tal-oggett distrutt."*

Ghalhekk l-Arbitru jrid jara x'kien il-valur reali tal-karozza inkwistjoni qabel ma sehh l-incident.

L-ilmentaturi ma tawx prova kemm kienet tiswa l-karozza qabel ma sehh l-incident izda prova ta' kemm swiet il-karozza importata wara l-incident.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz gab prova li l-karozza kienet inxurjata ghas-somma ta' €46,800,[4] liema somma jaqbel maghha l-ilmentatur.[5]

Skont il-gurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, l-ammont li ghandhom jinghataw l-ilmentaturi ghandu jkun *"f'somma li tekwipara l-valur reali tal-utilitajiet mitlufa jew tal-oggett distrutt."*

L-ilmentaturi kienu jinxurjaw il-karozza ghall-valur ta' €46,800, u ma gabu l-ebda prova li l-karozza li kellhom kienet tiswa aktar minn hekk. L-unika haga li jghidu hija li l-valur kemm tigi inxurjata kien qed jigi stabbilit mill-*insurance* u mhux minnhom.

---

[3] *Elmo Insurance Ltd vs Citadel Insurance plc et*, PA, 15/06/2017
[4] A fol 38
[5] A fol 55

L-Arbitru huwa konxju li din hija l-prassi li tigi segwita kullimkien u l-prassi hija forma normattiva li anke skont il-Kap. 555, l-Arbitru jrid jikkonsidraha skont il-merti ta' kull kaz.

Imma l-provditur tas-servizz, permezz ta' zewg *surveyors,* wasal ghall-konkluzjoni li l-valur reali tal-karozza kien ta' €47,000, u r-*wreckage value* kien ta' €7,500.[6] Dan il-valur huwa qrib hafna tal-valur assikurat.

L-Arbitru ma inghata l-ebda raguni valida ghaliex ghandu jiskarta il-valutazzjoni taz-zewg *surveyors* esperti fil-materja u, ghalhekk, ser jaccettaha.

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru qed jiddeciedi li l-kumpanija assikuratrici *Citadel Insurance p.l.c*. ghandha thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000).

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[6] A fol 40- 42 , Dok C u Dok D